

Brussell, 27 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12561/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0337 (NLE)

ENV 627
COMER 86
MI 670
ONU 76

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 657 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 657 final.

Mehmuż: COM(2018) 657 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.9.2018
COM(2018) 657 final

2018/0337 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, appartgħi l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, appartati l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 ta' dik il-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA.

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju

Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") hija l-qafas legali internazzjonali ewlieni maħsub biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet antropoġeniċi u r-rilaxxi tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art.

Hija tindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni primarja tal-merkurju għar-rimi tal-iskart tal-merkurju, inkluż il-ħażna temporanja tal-merkurju, it-taħlitiet tal-merkurju ma' sustanzi oħra, inklużi l-liġi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni ta' merkurju li tal-anqas tkun ta' 95 % skont il-piż ("it-taħlitiet tal-merkurju"), u ta' sitt komposti tal-merkurju, inkluż il-klorur tal-merkurju (I), l-ossidu tal-merkurju (II), is-sulfat tal-merkurju (II), in-nitrat tal-merkurju (II), iċ-ċinnabar u s-sulfur tal-merkurju, appartati l-iskart tal-merkurju.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim¹ bħalma huma ħafna mill-Istati Membri².

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("is-COP") twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha mill-Ftehim u, għal dak il-għan, għandha tqis u twettaq *inter alia* kull azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ftehim, inkluż l-adozzjoni ta' linji gwida rilevanti.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċeduri adottati mis-COP waqt l-ewwel laqgħa tagħha (bejn l-24 u d-29 ta' Settembru 2017), kull Parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Unjoni, bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika, teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha, b'numru ta' voti uguali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet għall-Ftehim. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt għall-vot tagħha jekk xi ħadd mill-Istati Membri tagħha jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu, u vice versa.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Fid-19 ta' Novembru 2018, waqt it-tieni laqgħa tagħha, is-COP se tadotta linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, appartati l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tal-Ftehim ("l-att previst").

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

² Fis-7 ta' Settembru 2018, 22 Stat Membru kienu rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

L-iskop tal-att previst huwa li jiġu stabbiliti linji gwida li għandhom l-għan li jiżguraw il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, it-taħlitiet tal-merkurju, u ta' sitt komposti tal-merkurju (il-klorur (I), l-ossidu (II), is-sulfat (II), in-nitrat (II), is-sulfur u ċ-ċinnabar tal-merkurju), apparti l-iskart tal-merkurju. Fil-prattika, l-att previst huwa prinċipalment rilevanti għall-ħażna tal-merkurju metalliku likwidu.

Skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tal-Ftehim, il-miżuri li l-Partijiet għandhom jieħdu biex jiżguraw il-ħażna temporanja ambjentalment korretta, iridu jqisu l-linji gwida adottati mis-COP.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta li trid tittieħed f'isem l-Unjoni hija li waqt it-tieni laqgħa tas-COP tiġi appoġġjata l-adozzjoni tal-att previst.

Il-kontenut tal-att previst huwa r-riżultat tal-proċess intersessjonali li tnieda mis-COP waqt l-ewwel laqgħa tagħha permezz tad-Deċiżjoni MC-1/18³ fejn titlob “*lis-segretarjat biex iwettaq reviżjoni ulterjuri tal-abbozz tal-linji gwida*” u biex “*jippreżenta l-linji gwida riveduti waqt it-tieni laqgħa tagħha għall-konsiderazzjoni u possibbilment għall-adozzjoni*”. L-esperti mill-Unjoni kkontribwew b'mod sinifikanti għal dan il-proċess billi pprovdew sottomissjonijiet lis-Segretarjat b'konformità mal-iskeda ta' żmien stipulata fid-Deċiżjoni MC-1/18. L-abbozz tal-linji gwida li rriżulta, kif rivedut minn dak is-Segretarjat, qies il-kummenti li waslu minn esperti tal-UE u ma tax lok għal aktar kummenti tal-UE billi l-linji gwida huma konsistenti mal-*acquis*, inkluż id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi⁴, li jikkonċernaw stokkijiet akbar ta' merkurju. Barra minn hekk, il-linji gwida jinkludu r-rikonoxximent li dawn jistgħu jiġu applikati b'mod flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħażniet żgħar.

Il-pożizzjoni proposta hija konsistenti mal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-merkurju billi l-implimentazzjoni tal-att previst mill-Partijiet għall-Ftehim tkun tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u r-rilaxxi tal-merkurju minn ħażna temporanja, u b'hekk tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż fi ħdan l-Unjoni.

Hemm bżonn ta' pożizzjoni tal-Unjoni billi, ladarba jiġu adottati, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom iqisu dawn il-linji gwida meta jkunu qed jieħdu miżuri dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, tat-taħlitiet tal-merkurju, u tas-sitt komposti tal-merkurju kkonċernati, apparti l-iskart tal-merkurju.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede*

³ Id-Deċiżjoni MC-1/18 *Abbozz ta' linji gwida dwar il-ħażna temporanja tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 10*, ir-Rapport tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fuq il-ħidma tal-ewwel laqgħa tagħha, UNEP/MC/COP1/29 tat-22.11.2017.

⁴ ĠU L197, 24.07.2012, p.1

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE*”⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Is-COP hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Minamata dwar il-Mercurju.

L-att previst, li s-COP hija mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effetti legali billi l-Partijiet għall-Ftehim, waqt li jkunu qed jieħdu l-miżuri, għandhom iqisu li jiżguraw il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, tat-taħlitiet tal-merkurju, u ta’ sitt komposti tal-merkurju (il-klorur (I), l-ossidu (II), is-sulfat (II), in-nitrat (II), is-sulfur u ċ-ċinnabar tal-merkurju), apparti l-iskart tal-merkurju.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju⁶ ("il-Ftehim") ġiet konkluzja mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939⁷ u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.
- (2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt l-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, waqt it-tieni laqgħa tagħha bejn id-19 u t-23 ta' Novembru 2018, se tadotta linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, billi dawn il-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, għandu jkollhom effetti legali billi l-Partijiet għall-Ftehim għandhom iqisu dawn il-linji gwida meta jkunu qed jieħdu miżuri dwar il-ħażna temporanja.
- (5) L-Unjoni kkontribwiet għar-reviżjoni tal-abbozz tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta fil-qafas tal-ħidma intersessjonali tal-esperti li tnediet bid-Deċiżjoni MC-1/18⁸ adottata mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt l-ewwel laqgħa tagħha; filwaqt li l-Unjoni ma qisitx li kien hemm bżonn li jiġu

⁶ Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli fuq: <https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf>

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

⁸ Id-Deċiżjoni MC-1/18 *Abbozz ta' linji gwida dwar il-ħażna temporanja tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 10*, ir-Rapport tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fuq il-ħidma tal-ewwel laqgħa tagħha, UNEP/MC/COP1/29 tat-22.11.2017.

proposti aktar emendi għall-abbozz tal-linji gwida riveduti li jirriżultaw minn din il-
ħidma intersessjonali.

- (6) Għaldaqstant, il-linji gwida proposti dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, jenħtieġ li jiġu appoġġjati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim għandha tkun kif ġej:

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja, waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, l-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tal-Ftehim.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu dwar bidliet minuri fid-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*